MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-24 ta' April, 2008

Numru 22/2003

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**John Camilleri**

Il-Qorti:

Rat l-Att ta' Akkuza migjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Generali fit-8 ta' Awissu 2003 kontra John Camilleri li permezz tieghu l-istess Avukat Generali akkuzah talli kellu fil-pussess tieghu d-droga psikotropika ecstasy kontenenti s-sustanza Methylenedioxymethamphetamine, li huma kkontrollati u ristretti bil-ligi taht it-Tielet Skeda, Part A ta'

l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kellu ebda awtorizzazzjoni u permess bl-imsemmija ligi sabiex ikun fil-pussess ta’ l-imsemmija sustanza, b’dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tas-16 ta’ Novembru 2005 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat il-verdett tal-gurati li bih bi tmien (8) voti kontra wiehed (1) sabu lill-appellant (allura akkuzat) hati skond l-uniku kap ta’ l-Att ta’ Akkuza, iddikjarat lill-imsemmi John Camilleri hati talli fis-27 ta’ Dicembru 2006 u l-granet ta’ qabel kellu fil-pussess tieghu d-droga psikotropika ecstasy kontenenti is-sustanza Methylenedioxymethamphetamine, li huma kkontrollati u ristretti bil-ligi taht it-Tielet Skeda Part A ta’ l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kellu ebda awtorizzazzjoni u permess bl-imsemmija ligi sabiex ikun fil-pussess ta’ l-imsemmija sustanza, b’dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu, u kkundannat lill-imsemmi John Camilleri ghall-piena ta’ hmistax-il sena prigunerija – li minnhom irid jitnaqqas kull zmien li ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reat li hawn instab hati tieghu – u ghal multa ta’ hmistax-il elf liri Maltin (Lm15,000) li jekk ma jithallsux fi zmien hmistax-il jum mid-data tas-sentenza appellata jigu konvertiti fi tnax-il xahar prigunerija skond il-ligi vigenti u applikabbli, kif ukoll ikkundannatu jhallas is-somma ta’ tmien mija u erbgha u sittin liri Maltin u zewg centezmi (Lm864.02) rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji nkorsi f’dan il-process a tenur ta’ l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, u ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta ta’ l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta ta’ kull flejjes jew proprjeta` mobbli u immobbli ohra tal-hati. L-ewwel Qorti finalment ordnat li, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b’nota li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax-il jum mid-data tas-sentenza appellata li xi droga li tista’ tkun esebita hija mehtiega in konnessjoni ma’ xi proceduri kriminali kontra terzi persuni, tali droga u l-affarijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha jigu

distrutti a kura ta' l-Ispizjar Mario Mifsud u taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur ta' dik il-Qorti u li ghandu jaghmel verbal ta' tali distruzzjoni u jgibu a konjizzjoni ta' dik il-Qorti b'nota appozita li kopja taghha tigi notifikata lill-Avukat Generali u lill-appellant. Dik il-Qorti waslet ghas-sentenza taghha wara li semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensur u tal-abbli prosekutur dwar il-piena u semghet ix-xiehda ta' Angelo Incorvaja, missier il-mara ta' l-appellant, u wara li kkunsidrat is-segwenti:

"Qieset is-sottomissjonijiet **kollha** dwar il-piena maghmula mill-abbli difensur, Dr. Chris Cardona li jinsabu kollha registrati w senjatament, <u>imma mhux biss</u> , is-segwenti :-

"Li l-verdett tal-gurati ma kienx wiehed unanimu.
Li l-hati ghandu fedina penali nadifa hlief ghall-kontravvenzjoni wahda tat-traffiku.
Li dan il-kaz gara hames snin ilu.
Li dan ma kienx kaz ta' traffikar imma kaz ta' pussess mhux ghall-uzu esklussiv tal-hati.
Li fis-sentenza taghha l-Qorti kellha tosserva certa uniformita` ma' kazijiet ohra decizi minnha recentement.
Li l-akkuzat kien ikkoopera mal-Pulizija u fl-ebda hin ma rreziztihom.

"Qieset is-sottomissjoni tal-abbli prosekutur Dr. Anthony Barbara :-
Li l-piena massima ghal dan ir-reat tista' tkun addirittura dik ta' ghomor il-habs.
Li l-verdett kien kwazi unanimu.
Li s-sentenzi li ghalihom ghamlet referenza d-difiza kienu fejn l-akkuzat kien ammetta l-htija tieghu mill-ewwel u koopera mal-Pulizija. Ghal kuntrarju f'dan il-kaz, l-akkuzat mhux talli m'ammettiex u ma kkooperax mal-Pulizija imma ghamel minn kollox biex ma jinqabadx u kieku mhux ghax il-Pulizija hadu r-ritratti tal-akkuzat, kien ikollhom bicca xoghol difficli biex jottjenu sejbien ta' htija.
Illi l-fatt li l-akkuzat mizzewweg u ghandu t-tfal m'hu ebda attenwanti ghax ebda missier ma ghandu skuza li biex lil uliedu jzommhom tajjeb, jaghmel hsara lil zghazagh tfal ta' haddiehor u dana sempliciment ghal profitt ta' flus.

Illi f'dan il-kaz kien hemm kwantita` konsiderevoli ta' pilloli tal-ecstasy li l-valur taghhom kien ta' aktar minn sebat elef liri Maltin. Ghalhekk hu insista ghall-piena li tkun meqjusa idonea ghall-gravita` tal-kaz.

"Rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w ezaminata seduta stante mid-difiza w li minnha jirizulta li l-hati ghandu biss kundanna wahda ghall-uzu ta' vettura bil-licenzja mhux imhallsa.

"Ikkonsidrat:

"Li ghalkemm il-piena ghar-reat li l-hati instab hati tieghu hija dik ta' ghomor il-habs, skond il-proviso (aa) u (bb) tal-artikolu 120A, (2)(a)(i) tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika w l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta) meta l-Qorti tkun tal-fehma li meta tqis l-eta` tal-hati, il-kondotta ta' qabel tal-hati, il-kwantita` tal-medicina w x-xorta w l-kwantita` tat-taghmir jew materjal, jekk ikun il-kaz, involuti fir-reat u c-cirkostanzi l-ohra kollha tar-reat, il-piena ta' prigunerija ghall-ghomor ma tkunx dik xierqa, jew meta l-verdett tal-guri ma jkunx unanimu, il-Qorti tista' tikkundanna lill-persuna misjuba hatja ghall-prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn erba' snin izda mhux izjed minn tletin sena w multa ta' mhux inqas minn elf lira izda mhux izjed minn hamsin elf lira.

"Ikkonsidrat:

"Favur il-hati s-sottomissjonijiet kollha gja` fuq riprodotti li saru mill-abbli difensur.

"Mill-banda l-ohra pero` din il-Qorti ma tistax tinjora li hawn si trattava ta' kwantita` konsiderevoli ta' pilloli ecstasy li fuq is-suq fiz-zmien tar-reat kienu jgibu valur in eccess ghal sebat elef liri Maltin skond ma xehed l-espert tal-Qorti, l-Ispizjar Mario Mifsud. F'dan il-kaz ukoll ma kien hemm assolutament ebda kooperazzjoni mill-akkuzat mal-investigaturi anzi huwa pprova b'kull mezz jichad kull konnessjoni mal-pilloli psikotropici li nstabu anki meta gie

konfrontat mill-istess investigaturi b'ritratti li kienu jikkontradicu dak li hu kien qed jghid fl-istqarrija tieghu. Illi ovvjament il-hati ma jistax ukoll jibbenefika minn xi ammissjoni bikrija kif ibbenefikaw persuni ohra li nqabdu fil-pussess ta' pilloli psikotropici esctasy u gew sentenzjati recentement. Illi r-reat li tieghu nstabet htija qed ikun ta' pjaga kbira ghas-socjeta` Maltija w ta' kawza ta' rovina tal-hajja ta' tant persuni, partikolarment zghazagh, li qed jinhakmu mill-vizzju tad-droga biex minn fuq daharhom it-traffikanti tad-droga jew il-komplici taghhom jaghmlu qliegh kbir ta' flus.

"Illi l-ligi stess tekwipara l-gravita` tal-piena tar-reat ta' pussess taht cirkostanzi li jindikaw li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati mar-reat ta' traffikar ghal dak li jirrigwarda l-piena."

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi John Camilleri pprezentat fis-6 ta' Diembru 2005 fejn talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu rregistrat il-verdett tal-gurija ta' htija ta' l-appellant u, minflok, thassar id-dikjarazzjoni ta' htija u tordna li jigu rregistrati sentenza u verdett ta' liberazzjoni, u hekk tilliberah minn kull htija, imputazzjoni u piena u, subordinatament, anke f'kaz illi dan l-appell ma jigix milqugh fil-mertu, tiddikjara illi matul il-kawza kien hemm irregolarita`/jiet u kien hemm interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ligi illi seta' kellha/hom influwenza fuq il-verdett, u subordinatament anke f'kaz illi l-ewwel zewg talbiet hawn fuq imsemmija jigu respinti/michuda, tirriforma s-sentenza appellata billi minflok il-piena karcerarja ta' hmistax-il sena tinfliggi kwalsiasi piena ohra inqas li jidhrilha xierqa, idoneja u gusta jew taghti kull provvediment iehor li jkun jirrispekkja l-haqq u l-gustizzja li trid issir ma' l-appellant;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma bazikament is-segwenti: (1) fil-mertu, huwa instab hati hazin fuq il-fatti tal-kawza; (2) minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, matul il-kawza kien hemm irregolarita` u kien hemm interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ligi; (3) minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg aggravji, u in subordine, il-piena nflitta mill-ewwel Qorti kienet wahda eccessiva u sproporzjonata.

Huwa opportun illi din il-Qorti tezamina fl-ewwel lok l-ilmenti ta' l-appellant li jaqghu taht it-tieni aggravju:

L-appellant jilmenta fl-ewwel lok li l-Imhallef li ppresjeda l-guri ma qalx lill-gurati (b'mod definittiv u inekwivokabilment) illi element kostituttiv tar-reat addebitat lill-akkuzat appellant huwa illi l-istess pilloli illi huwa allegatament heba fl-24 ta' Dicembru 2000 huma l-istess pilloli li nstabu fis-27 ta' Dicembru 2000; kuntrarjament huwa qal illi ma hemmx ghalfejn ikunu l-istess pilloli. Din il-Qorti sejra tirreferi ghas-segwenti siltiet, inkluza dik citata *verbatim* mill-appellant:

"… tridu tkunu konvinti illi fl-24 jekk kien pakkett kien pakkett u mhux *roll* tat-*toilet paper* imbaghad trid tkun taf dak il-pakkett x'kien u biex tasal ghal dak il-pakkett x'kien trid tara imbaghad jekk intomx konvinti wkoll minghajr dubju dettat mir-raguni <u>li dak il-pakkett jekk kien pakkett fl-24 kienx l-istess pakkett li sabu go dawk il-boroz il-Pulizija fis-27 ukoll</u>. Ghax jekk il-pakkett tal-24 kien pakkett bit-toffee u l-pakkett tas-27 inzerta pakkett tad-droga ghax xi hadd dahal u pogga pakkett iehor hemm, allura kwistjoni ohra ukoll terga'. Imma trid tirrizulta minghajr dubju dettat mir-raguni li *either on the 24$^{th}$ or on the 27$^{th}$ or on both days and also in the days between*, l-akkuzat kienx jaf li hemmhekk hemm pakkett li fih kien hemm il-borza bl-ecstasy, bil-pilloli tal-ecstasy. Ghax jekk ma kienx jaf u dak il-pakkett ma kienx tieghu u intom temmnu li ma kienx jaf u li ma kienx tieghu dak il-pakkett u li seta' poggieh anki xi hadd iehor, kif qed tipprospettalkom id-difiza, allura ma tkunux wasaltu"[1]

[1] Fol. 16 ta' l-indirizz.

….

"… huwa fatt zgur u dan ma tistghux taharbu minnu illi biex tirrizultalkom l-akkuza trid tkun *number one* li fiz-zmien li qed nitkellmu gara xi haga, *two* li kien hemm dan il-pussess jew attwali, fiziku kif seta' kien fl-24 jekk temmnu li kien il-pakkett tal-ecstasy jew kostruttiv fis-27 meta fil-post fejn jikkontrolla hu jekk kien jikkontrollah hu instabet dik id-droga u li kien jaf x'hemm kemm fl-24 jew fis-27 jew fiz-zewg granet. Bizzejjed wahda minhom. M'hemmx ghalfejn jekk kien jaf fl-24 m'hemmx ghalfejn ikun jaf fis-27 bizzejjed jekk intom fl-24 konvinti li kien jaf x'qed jaghmel. Jekk fis-27 allavolja fl-24 ma tafux ezatt x'kien imma fis-27 thossukom … konvinti li kien jaf x'ghandu bizzejjed ukoll. Pero` dejjem irid jirrizulta dan l-element tax-xjenza."[2]

….

"Qalilkom li ma tistghux tghidu li kienu l-istess pilloli li tpoggew fl-24 ta' Dicembru dawk li nstabu fis-27 u ma nafux jekk hemmx l-istess ammont ta' pilloli jew le. Issa halli fuq dan il-punt, jekk stess kienu l-istess pilloli pero` naqsu jew zdiedu ma jbiddel xejn. Jigifieri jekk fl-24 ta' Dicembru kienu l-pilloli u taqblu li kienu l-pilloli intom u kienu elf u mija imbaghad fis-27 sabu disa' mija u hamsin, dak ma jbiddel xejn ghall-fini tal-akkuza. Anki jekk ikun hemm pillola wahda fis-27 bizzejjed, jekk intom sodisfatti li kien l-istess pakkett u l-istess pilloli dejjem, imma m'hemmx ghalfejn inkunu konvinti li kien hemm elf, *nine hundred and fiftytwo* … fl-24 u rega' kien hemm *nine hundred and fiftytwo* fis-27. Jekk fl-24 kienu veru pilloli dawk u kien qed ipoggihom hu mbaghad fis-27 instabu iktar jew inqas ghall-fini tal-ligi u ghall-fini tal-kaz ma jbiddel assolutament xejn."[3]

Frankament din il-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura f'dawn is-siltiet. Huwa minnu illi fl-att ta' akkuza jinghad fl-ewwel

[2] Fol. 17 ta' l-indirizz.
[3] Fol. 31 ta' l-indirizz.

paragrafu illi l-pilloli li nstabu kienu l-istess pilloli li l-appellant allegatament kien heba. Izda dan jinghad fil-parti narrativa ta' l-att ta' akkuza u mhux fil-parti akkuzatorja, u dak li jrid jigi deciz huwa jekk il-fatti rizultanti jinkwadrawx ruhhom fl-akkuza. Ghalhekk seta', ghall-grazzja ta' l-argument, jirrizulta mill-provi kemm li l-pilloli li nstabu fis-27 kienu l-istess pilloli li nhbew fl-24 kif ukoll li ma kinux.  Jigifieri l-ispjegazzjonijiet li ta l-Imhallef li ppresjeda l-guri huma korretti.

B'referenza ghall-istess ilment tieghu, l-appellant jghid illi jekk, ghas-sahha ta' l-argument, l-akkuzat appellant allegatament heba per ezempju disa' pilloli biss minflok 953 pillola fl-24 ta' Dicembru 2000, dan seta' jikkostitwixxi fic-cirkostanzi merament pussess semplici stante illi seta' rrizulta illi huwa hbihom sabiex huwa stess jikkunsmahom, u dan kien, jew seta', ibiddel il-verdett minn wiehed ta' hati skond l-att ta' l-akkuza ghal wiehed ta' hati ta' pussess semplici. Issa, apparti dak li ghadu kemm intqal fil-paragrafu precedenti, din il-Qorti tfakkar lill-appellant li minn imkien ma jirrizulta illi huwa b'xi mod ipprospetta din il-possibilita` fid-difiza tieghu. Anzi d-difiza tieghu kienet illi ma kellu x'jaqsam xejn mad-droga li nstabet. Din il-*permutation*, ta' pussess semplici, giet prospettata mill-Imhallef li ppresjeda l-guri, kif wara kollox kellu kull dritt li jaghmel, bhala verdett alternattiv:

"Jekk intom sodisfatti li mic-cirkostanzi dak il-pussess huwa wiehed taht cirkostanzi tali li jurik li mhux ghall-uzu esklussivament tieghu ssibu htija taht l-att ta' l-akkuza kif inhu. Jekk invece ghalkemm intom sodisfatti illi kien jaf x'ghandu u kien jaf ukoll li kien qieghed hemm l-oggett u kien f'tieghu u kien ikkontrollat minnu, ecc., ecc., imma c-cirkostanzi ma jurux illi necessarjament ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu allura tistghu ssibu htija inqas ta' pussess semplici minghajr jigifieri l-aggravanti li hemm ic-cirkostanzi li jindikaw li mhux ghalih."[4]

[4] Fol. 18 – 19 ta' l-indirizz.

Minn dan kollu li nghad ghalhekk din il-Qorti ma tara li kien hemm l-ebda *misdirection* da parti ta’ l-Imhallef li ppresjeda l-guri kif allega l-appellant.

L-appellant jilmenta wkoll illi l-Imhallef li ppresjeda l-guri qal lill-gurati illi l-appellant ma xehedx illi kellu *roll toilet paper* f’idu (fol. 16, 27 u 29 ta’ l-indirizz) meta kien qed jispjega r-ritratti NH1 u NH2. Jghid li dan ma kienx ghal kollox korrett; hu qatt ma gie mistoqsi jekk f’idu kellux merament *toilet paper* jew *roll toilet paper*, allura ma setghetx issir *inference* illi qal illi ma kellux *roll toilet paper*. Aktar u aktar meta l-istess Imhallef f’parti ohra ta’ l-indirizz (fol. 27) qal li l-appellant xehed li rritorna fil-kamra tal-*generator* bir-*roll* tat-*toilet paper*. Jghid illi l-Imhallef stess kellu dubju dwar il-korrettezza ta’ dak illi qal fl-indirizz tieghu fir-rigward ta’ dan il-fatt tant illi qal lill-gurati li jekk kellhom xi dubju kellhom jikkonsultaw it-*tapes*, haga li l-appellant jghid illi l-gurati ma ghamlux. L-appellant jaghmel enfazi fuq dan l-ilment peress illi d-difiza tieghu talbet lill-gurati jaraw bir-reqqa r-ritratti esebiti u ngranditi (u li gew ingranditi aktar fl-istadju ta’ l-appell) *“sabiex proprju fin-nofs ta’ l-oggett abjad illi l-akkuzat appellant kellu f’idu fir-ritratti, jikkonstataw illi hemm xi haga ta’* ***lewn griz*** *illi manifestament hija r-roll tat-toilet paper.”*

Issa, minn ezami tax-xiehda ta’ l-appellant jirrizulta illi meta gie mistoqsi mid-difiza x’hemm f’idu, it-twegiba tieghu kienet: *“It-toilet paper”*.[5] Meta kien qieghed jispjega l-movimenti tieghu qal: *“U l-vit kien hawn u l-kaxxa tal-kartun kienet hemm, ma kienx hemm boghod hafna. Qbadt it-toilet paper u mort ghamilt facenda.”*[6] Aktar ‘il quddiem, mistoqsi mid-difiza x’inhu l-oggett li jidher f’idejh fir-ritratti li gie muri, wiegeb: *“Toilet paper”*.[7] L-ewwel Qorti mbaghad ghamlitlu numru ta’ mistoqsijiet dwar kif kien qieghed izomm it-*toilet paper* u finalment id-difiza saqsietu x’kien ezatt dak li kellu f’idejh u l-appellant wiegeb li kellu *“romblu”*. Fuq il-fatti l-gurati huma sovrani, jghid x’jghid l-Imhallef li jippresjedi l-guri. Dan huwa avvertiment li nghata kemm-il darba mill-Imhallef li ppresjeda l-guri f’dan

[5] Tape 9 Side A p. 4.
[6] Tape 9 Side A p. 5.
[7] Tape 9 Side A p. 9.

il-kaz. Bizzejjed li jinghad illi jekk l-enfazi tad-difiza kienet sabiex il-gurati jikkonstataw illi fin-nofs ta' l-oggett abjad illi l-appellant kellu f'idejh kien hemm xi haga ta' lewn griz, minn ezami li din il-Qorti ghamlet tad-diversi ritratti – dawk murija lill-gurati u dawk ingranditi mill-esperti nominati minnha – din il-Qorti ma setghet tikkonstata ebda*"xi haga ta' lewn griz"*. Kwindi dan l-ilment jista' jitqies biss bhala *a storm in a tea-cup* u qieghed jigi respint.

L-appellant jilmenta wkoll dwar il-fatt illi l-Imhallef li ppresjeda l-guri qal lill-gurati sabiex jinjoraw kull ma ghandu x'jaqsam mas-senter misjub peress illi l-appellant ma kienx akkuzat b'serq tas-senter. Skond l-appellant, dan kien zball fatali ghad-difiza:

"ghaliex is-senter gie esebit formalment u l-gurati setghu jarawh il-hin kollu quddiemhom, ghaliex irrizulta mix-xiehda ta' WPC 77 Joanne Mamo illi l-akkuzat appellant kien kaccatur u kellu 4 shotguns registrati fuq ismu, ghaliex id-difiza xtaqet iggib a formali konjizzjoni tal-gurati l-fatt illi ma nstabux *fingerprints* ta' l-akkuzat fuq is-senter misruq, u konsegwentement ghaliex id-difiza xtaqet iggib a formali konjizzjoni tal-gurati l-fatt illi s-senter misruq li tpogga go van abbandunat gol-barriera huwa cirkostanza u/jew fatt u/jew prova indizzjarja ohra importanti illi turi illi terza persuna (mhux l-akkuzat appellant) **kien qieghed jisserva bil-barriera sabiex jahbi xi affarijiet (bhas-senter u d-droga** li effettivament instabet). Ghaldaqstant, bir-rispett kollu, minflok jghid lill-gurati *"pero` kif ghidtilkom din tas-senter issa warbuha minn raskom, hija bicca ghalxejn qieghda superfluwa hemm; la taghmel gid la taghmel hsara, <u>innehhuha minn hemm qisha ma kenitx hemm</u>"* (sottolinejar ta' l-esponent), l-Imhallef sedenti jmissu, bir-rispett kollu, qal lill-gurati illi, almenu skond id-difiza, is-senter huwa cirkostanza/fatt/prova illi ulterjorment tikkontribwixxi sabiex turi u tindika l-estranejita` ghall-fatti ta' l-akkuzat appellant kif spjegat mid-difiza fid-difiza u l-kontro-replika stess."

Ghall-appellant dan jirrendi s-sejbien ta' htija *unsafe*.

Issa, il-fatt tas-sejbien tas-senter li dwaru l-appellant ma giex akkuzat bih kien wiehed mill-punti msemmija mid-difiza biex issahhah l-argument taghha li l-barriera kienet accessibbli ghal terzi. Waqt id-difiza, id-difensur ta' l-appellant qal: *„... pero` accessibilita` minn postijiet ohra kien hemm. Tant hu hekk illi xi hadd pogga senter, ma nafux min hu dan, li l-akkuzat mhuwiex akkuzat bih, allura jiena nista' nghid li ma kienx hu b'certezza, tefghu f'vannijiet abbandunati …."*[8] Fil-kontro-replika mbaghad, kuntrarjament ghal dak li qal l-appellant fir-rikors ta' appell, id-difiza ma ghamlitx referenza specifika ghas-senter u rreferiet biss ghall-*"accessibilita` li hemm fil-barriera."*[9]

Fl-indirizz tieghu l-Imhallef li ppresjeda l-guri rrefera ghall-kwistjoni tas-senter darbtejn. Fl-ewwel lok meta kien qieghed jitkellem dwar dak li kienu qalu d-diversi xhieda prodotti waqt il-guri u semma' lil ex-P.S. 951 Joseph Tonna li qal li kienu sabu senter go van, l-Imhallef li ppresjeda l-guri qal hekk: *"u hawnhekk a propozitu tas-senter nista' nghidilkom illi m'hemm l-ebda akkuza jigifieri issa s-senter ta' min kien u mhux ta' min kien u ta' insteraqx u kienx misruq u ma kienx misruq, hawnhekk m'ghandkomx ghalfejn tidhlu fiha xejn ghax la l-prosekutur ma ressaqx ebda akkuza fuqha dik, qed nghidilkom minn issa tikkonsidrawhiex il-bicca xoghol tas-senter u mhux senter."* [10] U meta rrefera ghal dak li xehdet WPC 77 Joanne Mamo li l-appellant ghandu erba' snieter licenzjati fuqu u tat in-numri taghhom li ma jaqblux man-numru tas-senter li nstab fil-barriera, l-istess Imhallef qal: *"pero` kif ghidtilkom din tas-senter issa warbuha minn raskom, hija bicca ghalxejn qieghda superfluwa hemm. La taghmel gid, la taghmel hsara, innehhuha minn hemm qisha ma kenitx hemm."*[11]

Dak li qal l-Imhallef li ppresjeda l-guri fil-kuntest huwa korrett, ghalkemm seta' ghamel rizerva f'dak l-istadju dwar l-argument migjub mid-difiza. Din il-Qorti pero` ma tqisx

---

[8] Tape 11 Side A p. 6.
[9] Tape 14 Side A p. 5.
[10] Fol. 22 ta' l-indirizz.
[11] Fol. 25 ta' l-indirizz.

tali nuqqas bhala wiehed sostanzjali li minhabba fih is-sejbien ta' htija ghandu jigi kkunsidrat bhala *unsafe*. Difatti aktar 'il quddiem fl-indirizz l-Imhallef li ppresjeda l-guri rrefera ghad-diversi sottomissjonijiet tad-difiza, fosthom *"illi l-barriera hija accessibbli minn diversi postijiet u seta' nizel haddiehor kemm jidhol mill-bieb jew minn taht il-bieb u jinzel mit-trufijiet u mill-gnub"*. Tajjeb li jitfakkar li ***"This Court does not sit to consider whether this or that phrase was the best that might have been chosen, or whether a direction which has been attacked might have been fuller or more conveniently expressed …."***[12] U li ***"The judge must put the 'substance' of the defence, however weak, save where the accused has failed to discharge an evidential burden. '[T]hat does not mean to say he is to paint in the details or to comment on every argument which has been used or to remind them of the whole of the evidence which has been given…' (per Goddard LCJ, Clayton-Wright (1948) 33 Cr App R 22 p. 29)."***[13]

Ghalhekk anke dan l-ilment huwa respint u, in vista tal-fatt illi l-ilmenti kollha sottomessi mill-appellant gew respinti, konsegwentement it-tieni aggravju huwa michud u din il-Qorti sejra tghaddi biex tikkunsidra l-ewwel aggravju.

L-ewwel aggravju jirrigwarda l-apprezzament tal-provi li ghamlu l-gurati. L-appellant jghid li huwa dejjem sostna li kien estraneju ghad-droga li nstabet, sew fl-istqarrija li rrilaxxja, sew quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja, sew quddiem il-Qorti Kriminali u issa anke quddiem din il-Qorti. Skond l-appellant, il-provi tal-prosekuzzjoni kienu jikkonsistu f'zewg ritratti mehuda minn P.C. 213 Nikolai Borg fl-24 ta' Dicembru 2000 illi jinkwadraw lill-appellant allegatament jahbi xi haga, il-konferma ta' dan minn P.C. 536 Jason Caruana, u "suspett" minhabba dak illi l-prosekuzzjoni interpretat bhala gidba ta' l-appellant fl-istqarrija tieghu. Mill-banda l-

---

[12] Lord Alverstone, C.J. in re R. v. Stoddart (1909) 2 Cr.App.R. 217 (**Archbold, Criminal Pleading, Evidence and Practice, 2003**, para. 7-53 p. 936).

[13] Rosemary Pattenden, fil-ktieb taghha **Judicial Discretion and Criminal Litigation** (OUP 1990), p. 178 – 180.

ohra d-difiza sostniet illi l-kaz tal-prosekuzzjoni huwa mibni fuq suspetti infondati, assunzjonijiet, deduzzjonijiet u konkluzzjonijiet ghal kollox affrettati. L-appellant jirreferi ghal numru ta' punti li fil-fehma tieghu jiskolpawh ghal kollox: l-impossibilita` fizika u umana li P.C. 213 Nikolai Borg u P.C. 536 Jason Caruana jaraw, minghajr uzu ta' tromba jew apparat iehor sofistikat, minn distanza ta' circa 60 metru lill-appellant jahbi pakkett kontenenti d-droga; il-fatt illi r-ritratti mehudin ta' l-appellant ma juru xejn aktar hlief lill-appellant jipporga b'roll toilet paper f'idu; l-evidenza forensika turi nuqqas ta' konnessjoni ta' l-appellant bejn id-droga misjuba u l-appellant; *dato ma non concesso* illi l-appellant heba pakkett, peress illi l-allegata mohba thalliet minghajr sorveljanza ghal hinijiet twal bejn l-24 u s-27 ta' Dicembru 2007, il-prosekuzzjoni ma setghetx teskludi li l-pakkett li nstab kien tpogga minn terza persuna. L-appellant imbaghad jelenka sittax-il cirkostanza li fil-fehma tieghu jsostnu t-tezi tad-difiza:

"1. Ir-ritratti (Dok. NH1 u NH2) juru illi l-appellant kien qieghed **jipporga** waqt illi kellu *roll toilet paper* f'idu x-xellugija u waqt illi kien qieghed izomm il-bilanc mal-gebel b'idu l-leminija;

2. Kien hemm distanza ta' **60 metru**, kif ikkonstata l-Perit Richard Aquilina fir-relazzjoni tieghu mmarkata bhala Dok. RA, bejn l-*observation room* u l-appellant. L-istess perit arkitett ikkonferma illi l-barriera in kwistjoni hija facilment **accessibbli** ghall-pubbliku bir-rigel. PC 213 Nikolai Borg ta xiehda **palezement inkredibbli** meta xehed illi l-vista tieghu hija aqwa minn *camera* tar-ritratti b-*zoom* 200; illi hu beza' jiehu ritratt iehor ta' l-appellant wara li kien qieghed kokka ghaliex beza' illi l-hoss tal-klikk tal-*camera* seta' jisimghu l-appellant minn dik id-distanza – u kien ghalhekk skond P.C. 213 Nikolai Borg illi hu ma regax ha ritratt iehor ta' l-appellant wara illi l-appellant, skond hu, heba xi haga. L-appellant jissottometti illi ritratt iehor ma ttehidx ghaliex kien jinkwadra it-*toilet paper* li baqa' f'idu wara li pporga. P.C. 213 Nikolai Borg kontra kull logika u kontra dak illi jindikawlna r-ritratti illi ha hu stess, ulterjorment xehed illi l-appellant ma kellux il-qalziet imnizzel meta kien qieghed kokka – u dan kollu meta l-

gebel kien qed jghattilu l-vista ta' l-organi genitali ta' l-appellant u meta dawn ir-ritratti, kif ammetta huwa stess, huwa hadhom minn posizzjoni skomda hafna u b'ghagla u bis-serqa;

3. P.C. 213 Nikolai Borg u P.C. 536 Jason Caruana, kuntrarjament ghal dak li xehdu quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja, xehdu quddiem l-Onorabbli Qorti Kriminali illi raw lill-appellant b'borza/pakkett **ileqq** f'idu – donnu l-memorja taghhom ta' dak li jghidu li raw tjiebet mhux naqset iktar ma ghadda z-zmien;

4. P.C. 213 Nikolai Borg u P.C. 536 Jason Caruana t-tnejn ikkonfermaw illi l-appellant ma kienx liebes **ingwanti** meta allegatament heba d-droga – allura huwa ferm difficli biex wiehed jispjega illi fuq il-borza/pakkett kontenenti d-droga ma nstabux ***fingerprints*** ta' l-appellant kif ikkonferma fir-relazzjoni tieghu l-espert forensiku Joseph Bongailas (Dok. JB a fol. 319 *et sequitur* tat-tieni volum) jekk verament kien l-appellant innifsu li heba d-droga u illi ghalhekk mess il-borza/pakkett. Minkejja illi din ir-relazzjoni hija inkonklussiva peress illi l-analizi komparattiva tal-*fingerprints* ma setghetx issehh stante illi kienet nieqsa minn xi punti karatteristici, kwalsiasi dubju naxxenti mill-istess kellu jmur favur l-akkuzat a tenur tal-massima legali ***in dubio pro reo***;

5. Il-vettura ta' l-akkuzat ukoll giet ezaminata mill-esperti forensici ghal diversi ragunijiet, fosthom sabiex jigi kkonstatat instabux ***fibres*** illi jikkorrispondu ma' dawk ta' dublett illi nstab fil-mohba flimkien mad-droga u sabiex jigi kkonstatat mill-*acetone swabs* kienx hemm tracci ta' droga fil-vettura ta' l-appellant. Irrizulta ampjament (u f'dan il-kaz ir-rizultanzi kienu konklussivi u ineccepibbli) illi **l-ebda droga** ta' kull forma, xorta u tip ma kienet fil-vettura (Isuzu pick-up) ta' l-appellant ghall-ahhar sena u nofs qabel Marzu 2001 (u ghalhekk riferibbilment anke ghaz-zmien rigwardanti l-Att ta' Akkuza). Dan purche` d-droga ma kinitx issigillata b'mod tajjeb hafna. Izda, hawn ukoll, permezz tax-xiehda moghtija mis-SOCOs P.C. 612 Theo Vella u P.S. 849 Ivan Curmi illi elevaw il-

pakkett/borza kontenenti d-droga malli nstabet, din l-istess borza/pakkett mertu tal-proceduri kriminali odjerni kienet **imcarrta** (vide ritratti mmarkati bhala OODKS112 u 113) u ghalhekk bilfors kellha thalli xi *residue/powder/*tracca. Gjaladarba ma nstabet l-ebda tracca fil-vettura ta' l-appellant u gjaladarba P.C. 213 Nikolai Borg xehed illi l-appellant hareg mill-vettura tieghu bil-borza/pakkett f'idu illi ftit hin wara allegatament heba, **ma jistax ikun** illi tali pakkett tpogga fl-allegata mohba mill-appellant. Hija **x-xjenza** illi tghidilna dan u mhux l-appellant illi qed jipprezumih;

6. Fl-24 ta' Dicembru 2000 l-appellant qatta' xi zmien fil-**kamra tal-*generator*** biswit l-allegata mohba kif ikkonfermaw il-pulizija stess (P.C. 213 u P.C. 536) fix-xiehda taghhom – u ghalhekk zgur li mhuwiex il-kaz illi l-appellant nizel il-barriera lejliet il-Milied semplicement sabiex jipporga;

7. Ghal diversi sieghat twal (senjatament f'parti tal-gurnata ta' l-24 ta' Dicembru, fil-jum kollu tal-25 ta' Dicembru, f'zewg partijiet tal-gurnata tas-26 ta' Dicembru u kif ukoll f'parti tal-gurnata tas-27 ta' Dicembru) l-allegata mohba baqghet ***unobserved***, b'tali mod illi kwalsiasi terza persuna setghet minghajr ostakolu jew indhil tpoggi d-droga *in the first place*, tiehu d-droga, tnaqqas id-droga, izzid id-droga; u dan meta rrizulta ampjament fil-guri illi l-barrieri jinfdu ma' xulxin (vide x-xiehda tas-Supretendent Neil Harrison u l-Perit Richard Aquilina), illi z-zona kienet frekwentata minn kaccaturi u nassaba (vide x-xiehda ta' P.C. 536 Jason Caruana), illi l-barriera operata mill-appellant kienet accessibbli ghal kulhadd bil-mixi u illi fil-barrieri kien ikun hemm diversi nies ohra inkluzi burdnara, sewwieqa tat-trakkijiet u barranin ifittxu x-xoghol (vide x-xiehda tas-Supretendent Neil Harrison). Fil-kuntest tas-suespost, ghandha ssir parentezi illi tidentifika l-elementi kostitutivi tar-reat addebitat lill-appellant. Dawn huma (A) l-akkuzat kellu pussess materjali tal-pilloli ecstasy (*actus reus*), (B) l-akkuzat heba dawn il-pilloli (*mens rea*), (C) dan sehh fis-27 ta' Dicembru 2000 u fl-ahhar granet ta' qabel din id-data, (D) dawn il-pilloli ma kinux ghall-uzu personali u esklussiv ta' l-appellant (pussess bl-

aggravanti, mhux pussess semplici). Jidher ghalhekk car illi sabiex l-akkuza tissussisti u sabiex il-prosekuzzjoni tissodisfa l-grad tal-prova rikjest mil-ligi kriminali, il-prosekuzzjoni kellha necessarjament tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni illi l-istess pilloli li allegatament inhbew mill-appellant huma dawk l-istess pilloli illi nstabu fis-27 ta' Dicembru 2000 wara tfittxija li saret mill-Pulizija. Dan ir-rekwizit, fl-isfond tan-natura u x-xorta ta' l-akkuza kif dedotta fl-att ta' akkuza, huwa *sine qua non*. Hadd ghalhekk, la l-Pulizija u wisq anqas il-gurati ma jista' qatt ikollu **certezza morali** rikjesta mil-ligi ghal verdett ta' htija, illi l-allegata mohba (u konsegwentement il-pilloli ecstasy ma gewx mittiefsa/imbaghbsa minn terzi fil-hinijiet meta din l-allegata mohba kienet ghal kollox *unobserved* – dan bhala fatt ipprovat illi rrizulta ampjament, huwa *per se* cirkostanza u jista' jikkostitwixxi prova.) Ghalhekk anke **n-nuqqas ta' fatt** u cioe` **l-ommissjoni tal-pulizija** hija prova indizzjarja importanti ghall-kaz tad-difiza – prova indizzjarja m'ghandhiex ghalfejn tkun necessarjament xi haga ezistenti izda tista' tkun xi haga nieqsa, bhalma hu fil-kaz in dizamina;

8. Illi kieku P.C. 213 Nikolai Borg u P.C. 536 Jason Caruana kienu konvinti, kif xehdu ripetutament, illi raw lill-appellant jahbi pakkett/borza dawn setghu facilment (a) jarrestawh *in flagrante delicto*, (b) igibu, permezz ta' telefonata minn fuq il-*mobile phone* (haga illi ammettew illi ghamlu frekwentement) l-awtorizzazzjoni ta' l-Ispettur Harrison sabiex *una volta* l-appellant jitlaq mill-barriera **ifittxu fl-allegata mohba** sabiex jikkonstataw dak illi kien allegatament mohbi, (c) bl-awtorizzazzjoni ta' l-Ispettur Harrison iwettqu *controlled* delivery billi jpoggu fl-allegata mohba oggett iehor (bhal per ezempju *dummy pills*) sabiex, minghajr ma jaghmlu *entrapment* ikunu jistghu jikkonstataw min hbiehom hemmhekk billi eventwalment jaraw min kien sejjer jigborhom sussegwentement;

9. *Ex admissis* il-pulizija ghazlet illi ma tfittix, ma tarrestax u ma tinterrogax lill-**persuna illi kienet ma' l-appellant fl-24 ta' Dicembru 2000** minkejja illi kemm P.C. 213 Nikolai Borg kif ukoll P.C. 536 Jason Caruana raw lil din il-persuna. Dan irid jigi kkunsidrat fid-dawl tal-fatt illi kemm

P.C. 213 Nikolai Borg kif ukoll P.C. 536 Jason Caruana xehdu illi din it-terza persuna kienet fil-vettura Isuzu misjuqa mill-appellant flimkien ma’ l-appellant stess fl-24 ta’ Dicembru 2000 – u ghalhekk jekk l-appellant allegatament hareg mill-vettura tieghu bil-borza/pakkett f’idu kif xehdu P.C. 213 Nikolai Borg u P.C. 536 Jason Caruana, dan kien jigi innotat *ictu oculi* minn din it-terza persuna. **L-ahjar prova** ghalhekk li setghet iggib il-prosekuzzjoni kienet din it-terza persuna illi l-pulizija stess ammettew li raw. Dina kienet **prova disponibbli ghall-pulizija**, u ghalhekk wiehed necessarjament isaqsi: Ghaliex ma giex arrestat u interrogat dan il-bniedem/xhud okulari mill-Pulizija?

10. Huwa indikattiv ta’ estranejita` ghall-fatti, illi l-appellant, jekk kif issostni l-prosekuzzjoni, ikkommetta r-reat addebitat lilu, minkejja illi jmur il-barriera ta’ spiss hafna u kwazi kuljum, **ma resaqx lejn il-barriera fil-25 ta’ Dicembru 2000**, u fis-26 ta’ Dicembru 2000 huwa mar biss biex jistartja l-*generator* – u dan ghaliex min jahbi ftit inqas minn Lm7,000 taht munzell gebel generalment imur fejn hbiehom almenu sabiex jara li dan il-gebel baqa’ kif kien hallih;

11. P.C. 213 Nikolai Borg u P.C. 536 Jason Caruana xehdu illi raw borza/pakkett ileqq f’idejn l-appellant. Ciononostante, irrizulta mix-xiehda tas-SOCOs P.C. 612 Theo Vella u P.S. 849 Ivan Curmi illi l-borza/ pakkett kontenenti l-pilloli ecstasy kienet **imgezwra** f’dublett kannella li talvolta kien imgezwer f’zewg *garbage bags* suwed; tant imgezwrin illi nstabu f’daqqa bhala haga wahda (vide ukoll ix-xiehda tas-Supretendent Newil Harrison u ta’ P.C. 10 Trevor Cassar Mallia). Ghalhekk irrizulta ampjament illi min pogga l-affarijiet hemmhekk poggihom f’daqqa bhala haga wahda u mhux bicca bicca. Kif allura poggihom l-appellant jekk, *ex admissis*, il-pulizija la rawlu dublett kannella u lanqas *garbage bags* f’idu; u jekk *ex admissis* il-pulizija qalu illi ma damx ihaffer go l-allegata mohba?;

12. P.C. 213 Nikolai Borg u P.C. 536 Jason Caruana xehdu illi raw borza/pakkett ileqq f’idejn l-appellant.

Apparti l-fatt illi f'Dicembru t-temp kien imsahhab u mhux xemxi, il-borza qatt ma setghet tleqq peress illi kienet matta, kif setghu jikkonstataw il-gurati stess *ictu oculi*. Il-borza/pakkett u/jew haga illi kellu f'idu l-appellant (id-difiza ssostni li hu *toilet paper*) gie jleqq ghaliex l-ingrandiment sar minn xhud tal-prosekuzzjoni (pulizija stess) fuq *glossy paper* (konvenjenti hafna ghall-prosekuzzjoni);

13. Fattur iehor indikattiv ta' estranejita` ghal-fatti huma illi min jahbi pakkett kontenenti d-droga (a) mhux se jahbih fil-presenza ta' terza persuna li ghadu kemm sar jaf, (b) jahbih bil-heffa *to go unnoticed* billi jipprepara l-mohba minn qabel u kemm semplicement jitfa' l-borza/pakkett malajr, (c) ma joqghodx kokka u ma joqghodx djamettrikament oppost ghall-mohba biex jahbi borza/pakkett;

14. Fis-27 ta' Dicembru ftit wara l-arrest ta' l-akkuzat waqt tfittxija li saret fil-vettura ta' l-appellant instabet borza bi trab abjad li sussegwentement irrizulta li ma kinitx droga (vide xiehda ta' l-Ispizjar Mario Mifsud) u li kienet kolla specjali (vide x-xiehda ta' l-appellant);

15. Mir-relazzjoni dettaljata tal-perit legali l-Avukat Dr. Vincent Galea (vide Dok. VG a fol. 325 *et sequitur* tal-volum II ta' l-atti tal-kumpilazzjoni) irrizulta illi l-appellant ftit li xejn ghandu assi appartenenti ghalih, u kuntrarjament kellu xi dejn, dar tal-Gvern, zewg vetturi u jissodisfa t-*threshold* sabiex jippercepixxi c-*children's allowance – lifestyle del tutto* inkompatibbli ma' dak kwotidjan ta' traffikant tad-droga;

16. Fuq is-senter misjub mill-pulizija li gie esebit formalment, ma nstabux *fingerprints* ta' l-akkuzat illi nfatti lanqas biss gie akkuzat ta' dan is-serq aggravat; is-senter misruq li tpogga go van Commer abbandunat gol-barriera juri illi terza persuna (mhux l-akkuzat appellant) kien qieghed jisserva bil-barriera sabiex jahbi xi affarijiet (bhas-senter u d-droga li nstabet).

L-appellant ghalhekk isostni illi l-unika ness bejnu u d-droga hija pura koincidenza; li huwa kien *at the wrong*

*place at the wrong time*, tant illi m'hemm l-ebda prova xjentifika u/jew forensika li tissuggerrixxi n-ness tieghu bejnu u d-droga.

Hawn naturalment qeghdin fil-kamp ta' l-apprezzament tal-provi. Issa, din il-Qorti hi Qorti ta' revizjoni u, in ezekuzzjoni ta' din il-funzjoni taghha, hi ezaminat dettaljatament l-atti processwali, id-dokumenti esibiti u l-indirizz ta' l-Imhallef li ppresjeda l-guri, u dan biex tara jekk a bazi tal-provi li kien hemm f'dawn il-proceduri, il-gurati, ben indirizzati mill-Imhallef, setghux legittimament u ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li fil-fatt waslu ghaliha dwar il-htija ta' l-appellant ta' l-akkuza migjuba kontra tieghu fl-att ta' akkuza skond il-verdett minnhom moghti. Anke jekk mill-apprezzament tal-provi li taghmel din il-Qorti hi tasal ghal xi konkluzjoni diversa minn dik milhuqa mill-gurati, hi ma tiddisturbax dik id-diskrezzjoni ezercitata mill-gurati fl-apprezzament tal-provi u tirrimpjazzaha b'taghha kemm-il darba jkun evidenti ghaliha li l-gurati ma kinux ghamlu apprezzament manifestament hazin tal-provi, u setghu, ghalhekk, legittimament u ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li jkunu waslu ghaliha in bazi tal-provi li kellhom quddiemhom. Effettivament, kif dejjem inghad, din il-Qorti ma tinvadix it-territorju li l-ligi tirrizerva ghall-gurati hlief meta l-verdett minnhom milhuq ikun manifestament zbaljat fis-sens li ebda gurija ma setghet legittimament u ragjonevolment tasal ghalih. Jigifieri jrid ikun in kontradizzjoni manifesta ghal dak kollu li jirrizulta mill-process b'mod illi ma hemmx mod iehor hlief li l-verdett milhuq jigi eskluz bhala infondat[14].

---

[14] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004 **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

F'**Blackstone's Criminal Practice 2004** naqraw ukoll[15]:

**"The case of *Cooper* [1969] 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word 'unsafe' should be interpreted in determining a criminal appeal. In that case, Lord Widgery CJ explained that if the overall feel of a case left the court with a 'lurking doubt' as to whether an injustice may have been done, then a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free. Lord Widgery said (at p. 271 C-G):**

**'[This is] a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed, and, accordingly, a case in which this court will be very reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the years that this court must recognise the advantage which a jury has in seeing and hearing the witnesses, and if all the material was before the jury and the summing-up was impeccable, this court should not lightly interfere. Indeed, until the passing of the Criminal Appeal Act 1966 [which somewhat widened the court's powers to quash a conviction] it was almost unheard of for this court to interfere in such a case.**

**'However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think that the verdict of the jury should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or unsatisfactory. That means that in cases of this kind the court must in the end ask itself a subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it'."**

---

[15] Para. D23.17, p. 1668.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt** fl-1 ta' Dicembru 1994, intqal hekk:

**"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."**

Minn ezami tal-atti processwali jirrizulta illi l-kwistjonijiet kollha rilevanti ta' apprezzament ta' fatt gew posti ghall-konsiderazzjoni tal-gurati li kienu liberi l-hin kollu, u gew diretti f'dan is-sens mill-Imhallef li ppresjeda l-guri, illi jivvalutaw il-provi kollha fl-assjem taghhom. Irid jigi sottolineat illi l-gurati kellhom il-vantagg li jaraw u jisimghu x-xhieda kollha.

Din il-Qorti ezaminat b'mod approfondit il-provi u hasbet fit-tul fuq is-sottomissjonijiet tal-partijiet, u l-konkluzjonijiet taghha huma dawn li gejjin:

1. Hu inkontestat illi fis-27 ta' Dicembru 2000 gewwa barriera fil-limiti tal-Qrendi li kienet qed tigi operata mill-appellant instabu 953 pillola ecstasy. Dawn instabu mill-Pulizija fil-prezenza ta' l-appellant u kienu qeghdin gewwa borza tal-plastik trasparenti li kienet mohbija go zewg garbage bags u dublett ta' lewn kannella, imdahhlin gewwa munzell gebel u xahx.

2. Il-gurati, wara deliberazzjoni dwar dak kollu li ngab a konoxxenza taghhom tul il-guri, wara ezami u kontro-ezami tax-xhieda, wara li kellhom l-opportunita` jaghmlu mistoqsijiet lix-xhieda inkluz lill-istess appellant u wara li

kellhom ukoll l-opportunita` iqisu "l-imgieba, il-kondotta u l-karattru" tax-xhieda, u b'mod partikolari ta' l-appellant stess, u "tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz" (artikolu 637 tal-Kap. 9), wara li semghu s-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiza, u wara li gew ben indirizzati, salv dak li diga` nghad, mill-Imhallef li ppresjeda l-guri, waslu ghal verdetti ta' htija dwar l-uniku kap ta' l-att ta' akkuza.

3. Issa, wiehed mill-punti li kellu jigi deciz mill-gurati kien jekk ir-ritratti (Dok. NH1 u NH2) jurux lill-appellant qieghed jipporga waqt illi kellu *roll toilet paper* f'idu x-xellugija u waqt illi kien qieghed izomm il-bilanc mal-gebel b'idu l-leminija jew jekk juruhx bil-borza ta' pilloli ecstasy f'idu x-xellugija fil-mument li kien qieghed jahbi din il-borza. Ghal dan il-fini anke f'dan l-istadju din il-Qorti awtorizzat li jsiru ingrandimenti ta' l-imsemmija ritratti fuq talba tad-difiza. Anke wara li saru dawn l-ingrandimenti – u dan minn zewg esperti differenti – filwaqt illi din il-Qorti mhijiex konvinta li dak li kellu l-appellant f'idu kien *toilet paper* jew *roll toilet paper* – hi tal-fehma li l-interpretazzjoni tar-ritratti msemmija <u>ghandha tkun bazata principalment fuq il-provi l-ohra attinenti</u>.

4. Tissemma' l-ewwelnett l-istqarrija ta' l-appellant lill-Pulizija li saret fit-28 ta' Dicembru 2000 Fiha l-appellant ghal diversi drabi cahad li mar il-barriera l-Hadd 24 ta' Dicembru 2000:

"M: Meta l-ahhar hdimt?

R. Il-bierah ergajt bdejt nahdem, wara li kont waqaft nahdem fil-festi, L-ahhar li kont hdimt kien il-Hamis ta' qabel il-Milied. L-ghada kien il-maltemp u ma mortx nahdem, imbaghad gie l-weekend u l-Milied u ma hdimtx. L-ghada tal-Milied jigifieri fis-26 ma hdimtx lanqas. Meta nghid li ma hdimtx, irrid infisser ukoll li la hdimt jiena u lanqas haddimt lil haddiehor fil-barriera.

M: Ghalkemm ma hdimtx, f'dawn il-granet mort il-barriera inti?

R: Mort nhar it-Tlieta li ghaddew, bejn l-10.00 uml-11.00 a.m. u mort sabiex nistartja l-generator.
M: Inti ghidtli li l-ahhar li kont hdimt kien il-Hamis ta' qabel il-Milied u ergajt bdejt tahdem il-bierah. Minbarra nhar it-Tlieta li ghaddew, mort f'xi okkazjoni ohra l-barriera?
R: Le, fl-ebda hin ma mort il-barriera bejn il-Hamis u nhar it-Tlieta. Kif diga` ghidtlek mort nhar it-Tlieta fil-ghodu u startjajt il-generator.
M: Inti zgur minnu li bejn il-Hamis 21.12.00 u nhar it-Tlieta li ghaddew, 26.12.00, ma ersaqtx lejn il-barriera?
R: Zgur mija fil-mija. Zgur minnu ghax naf li ma mortx 'l hemm.

Meta xehed quddiem l-ewwel Qorti, wara li nqratlu din is-silta mid-difensur tieghu, l-appellant qal li dak li jiftakar hu li meta mar biex jibda l-istqarrija, l-Ispettur kien saqsieh meta ghamel facenda l-ahhar il-barriera u hu wiegbu li ma jafx u, fuq insistenza ta' l-Ispettur li riedu jghidlu, wiegeb li xi gimgha jew gimgha u nofs qabel. Qal li dak il-hin hareg ritratt, tefaghhulu fuq il-mejda, saqsieh x'kien qed jaghmel fl-imsemmi ritratt u hu wiegbu billi saqsa lill-Ispettur kienx qed jaghmel xi haga hazina. Qal ukoll li urieh parti minn video ukoll, u dan kollu fil-bidu ta' l-istqarrija.

F'parti ohra ta' l-istqarrija nsibu s-segwenti mistoqsija u risposta:

"M: Qed nghid sewwa li l-borza li kien fiha l-pilloli tal-ecstasy inti stess hbejthom hemmhekk nhar lejlet il-Milied ghall-habta ta' xi 1.00 p.m.?
R: Le, zgur li [le]. Jiena nhar il-Hadd li ghaddew lanqas biss ersaqt lejn il-barriera."

Ftit wara li nqratlu din is-silta waqt li kien qieghed jixhed, ghal mistoqsija diretta tal-Qorti jekk kienx fil-barriera fl-24 ta' Dicembru, lejlet il-Milied, l-appellant wiegeb li hemm kien u li "nista' hadt zball fid-data" u li r-ritratti li ttehdulu mill-Pulizija juruh qieghed jaghmel "toilet" u qed izomm it-toilet paper f'idejh. Fix-xiehda tieghu baqa' jinsisti li kien zball da parti tieghu li waqt l-istqarrija cahad li kien fil-barriera lejlet il-Milied.

Fil-fehma ta’ din il-Qorti, il-gurati setghu ragjonevolment jikkonkludu li l-appellant ma kienx kredibbli meta ddikjara quddiemhom li kien ha zball. L-appellant ghamel l-istqarrija tieghu erbat ijiem biss wara li kien effettivament gie osservat fil-barriera mill-Pulizija u ghalhekk mhijiex spjegazzjoni plawsibbli li ha zball fid-data peress illi l-memorja kienet certament aktar friska f’dak il-mument. Imbaghad jekk, kif qal l-appellant, kien intwera r-ritratti li juru lilu fil-barriera fil-bidu ta’ l-istqarrija u gie mistoqsi mill-Ispettur Harrison x’kien qieghed jaghmel hemm u hux qieghed jaghmel facenda u hu wiegeb: “Jien x’qieghed naghmel? Qed naghmel xi haga hazina?” jekk verament ma kienx qieghed jaghmel xi haga hazina kien jghid precizament x’qieghed jaghmel fl-istqarrija stess. Izda minflok ghazel li jinsisti li ma kienx fil-barriera fl-24 ta’ Dicembru sabiex jipprova jallontana minn dik id-data u minn dak kollu li sehh f’dik id-data.

5. In-nuqqas ta’ kredibilita` ta’ l-appellant hi evidenti wkoll meta xehed illi wara li spicca l-istqarrija, l-Ispettur Harrison qallu li ser ihallih ma’ Trevor u li “jekk inti tammetti l-Qorti ma nressqekx”. Huwa inverosimili li ufficjal investigattiv jghid lil persuna suspettata li jekk tammetti li kkommettiet xi reat, dik il-persuna ma titressaqx il-Qorti. Ammissjoni tista’ f’certi cirkostanzi twassal ghal tnaqqis fil-piena izda mhux ghal mahfra, imbaghad, kif jidher li jrid jaghti x’jifhem l-appellant, mahfra minghand l-investigaturi stess!

6. Kontra l-asserzjoni ta’ l-appellant li r-ritratti juruh qieghed jipporga, hemm ix-xiehda ta’ P.C. 213 Nicholai Borg u P.C. 536 Jason Caruana li kienu l-ufficjali tal-Pulizija li gew inkarigati sabiex jaghmlu l-osservazzjoni tal-barriera mill-Ispettur Neil Harrison wara informazzjoni li kellu li kienet qed tinheba droga fl-istess barriera. Dawn ix-xhieda jikkontradicu wkoll lill-appellant li sostna li meta wasal, l-ewwel mar fil-kamra, fetah il-vit tad-diesel biex it-tank jimtlilu, imbaghad qabad it-*toilet paper* u mar “jaghmel facenda”.

P.C. 213 xehed illi fil-gurnata in kwistjoni (is-27 ta’ Dicembru 2000) l-appellant wasal fuq il-post flimkien ma’

persuna ohra. Il-passiggier nizel u baqa' sejjer dritt gol-kamra mentri x-xufier – l-appellant – beda miexi lejn munzell gebel. F'idejh kellu "pakkett bhal borza, kien hemm xi haga bajda tixghel, ghax bix-xemx ukoll qisha bdiet tirrifletti". Resaq lejn il-munzell, nizel kokka u beda qisu jqalleb b'idejh. Dam ftit tal-hin, qam u l-pakkett hallih hemm u mar lejn il-kamra u dahal fiha. Ir-ritratti NH1 u NH2 hadhom hu. Meta saret it-tfittxija fis-27 ta' Dicembru, huwa qaghad fil-kamra ta' osservazzjoni filwaqt li pulizija ohra bdew jaghmlu t-tfittxija fil-barriera izda ma rnexxilhomx isibu l-mohba. Ghalhekk inghata struzzjonijiet mill-Ispettur Harrison biex jinzel fil-barriera u meta nizel u l-Ispettur qallu biex isib il-mohba, mar mill-ewwel fuq il-post – peress illi kien qata' linja mentali mill-post ta' osservazzjoni sal-post fejn kien hemm il-mohba – u wara li farfar naqra ramel u qalleb naqra b'idejh sab mill-ewwel fejn kien hemm mohbijin il-pilloli ta' l-ecstasy. In kontro-ezami qal li meta l-appellant nizel mill-karroza tieghu beda jiccekkja l-perimetru tal-barriera u mar mill-ewwel fil-post fejn heba l-pakkett. Dan rega' kkonfermah waqt konfront ma' l-appellant meta kien qieghed jixhed l-appellant. Ma setax jghid x'kien qed jaghmel b'idejh ezatt izda "li naf li kellu l-pakkett u kif waqaf jinnaviga b'idu, hu qam, il-pakkett ma kienx ghadu f'idu." Huwa ndika minn fuq ritratti xi marki li kien ghamel nota mentali taghhom biex tinsab il-mohba mill-ewwel. Huwa cert li dak li kellu f'idejh l-appellant fl-24 ta' Dicembru ma kienx *toilet paper* izda pakkett u li kien l-istess pakkett li sab huwa stess fis-27 ta' Dicembru. Ma hax aktar ritratti ghax beza' li l-appellant seta' jarah u ghax il-camera li kien qed juza kienet wahda antika u taghmel hafna storbju. Hadhom biss biex ikollhom xi haga x'juru ghax hu kien qieghed jara komdu b'ghajnejh.

P.C. 536 Jason Caruana bazikament jikkorrobora dak li qal P.C. 213 fis-sens li ra lill-appellant jasal fil-barriera ma' persuna ohra u meta hareg mill-van f'idejh kellu borza b'kontenut ta' kulur abjad u li mar mill-ewwel fejn munzell gebel, tbaxxa u beda jaghmel xi haga b'idejh fit-terrapien u wara ftit qam u mexa lejn il-kamra. Huwa ra lill-appellant bit-tromba sakemm beda miexi ghax imbaghad kompla jsegwih b'ghajnejh. Kien lehaq rah bil-borza – li bdiet tleqq

– f'idu permezz tat-tromba. Meta gie muri r-ritratti ta' l-appellant qal bla tlaqliq li dak li kien jidher f'idu ma kienx *roll* tat-*toilet paper*.

Li kieku l-appellant verament mar "jaghmel facenda", dawn iz-zewg xhieda li kienu qeghdin josservaw il-movimenti tieghu kienu jinnotawh jaghmel il-movimenti partikolari li necessarjament kien ikollu jaghmel l-appellant ghal dak l-iskop, u cioe` li jnizzel u jtella' l-qalziet. Minn dak li xehdu hu evidenti li ma rawx dawn il-movimenti.

7. L-appellant jipprova jxejjen il-kredibilita` ta' dawn iz-zewg xhieda billi jirreferi ghad-distanza li kien hemm bejn il-post ta' osservazzjoni u l-post fejn kien hu. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-gurati setghu ragjonevolment jemmnu lix-xhieda msemmija tal-Pulizija peress illi dawn kienu cari dwar il-movimenti ta' l-appellant minn x'hin wasal bil-karrozza – u P.C. 536 kien anke rah bit-tromba ghal parti mill-hin. Barra minn hekk, waqt illi P.C. 213 kien qieghed jigi kontro-ezaminat, huwa ghamel distinzjoni bejn dak li seta' jara sew – allura d-distanza bejn il-post ta' osservazzjoni u l-kamra tal-generator – u dak li kien 'il boghod wisq – ir-rixtellu. Dan ikompli jsahhah il-kredibilita` ta' dawn iz-zewg xhieda. Inoltre mhuwiex inverosimili li P.C. 213 beza' jiehu aktar ritratti minhabba l-hsejjes tal-*camera*; huwa fatt maghruf li fejn hemm il-hemda, hoss zghir jigi ingrandit. L-appellant jissuggerixxi li r-ritratti juru lill-appellant bil-qalziet imnizzel. Din il-Qorti hi tal-fehma li kieku l-appellant mar biex jipporga, il-movimenti tieghu li jnizzel il-qalziet u wara jerga' jtellghu kienu jigu osservati minn P.C. 213 u P.C. 536. F'dar-rigward huwa ta' min jinnota li fil-post fejn instabu l-pilloli ecstasy, ma nstabux tracci ta' ppurgar. Dan jirrizulta minn dak li qal P.C. 213 Nicholai Borg waqt konfront ma' l-appellant, u huwa ammess mill-appellant stess li kien qal li wara li sserva ma ghattiehx. L-anqas ma kien hemm tracci ta' *toilet paper*. Instab xi *toilet paper* ma' l-art f'post ftit aktar imbieghed u dan gie anke nnutat mill-perit arkitett l-A.I.C. Richard Aquilina fir-rapport tieghu (ara wkoll xiehda tas-Supt. Neil Harrison).

8. L-appellant jipprova wkoll ixejjen il-kredibilita` ta’ P.C. 213 u ta’ P.C. 536 billi jghid illi fl-Istruttorja ma qalux li l-borza f’idejn l-appellant kienet tleqq, li l-borza ma setghetx tleqq ghax kienet matta u li t-temp kien imsahhab u mhux xemxi. Huwa veru li, wara li din il-Qorti ezaminat anke t-traskrizzjonijiet tax-xiehda ta’ P.C. 213 u P.C. 536 fl-Istruttorja dawn fl-ebda mument ma semmew li l-borza kienet tleqq. Mill-banda l-ohra m’hemm l-ebda diskrepanza bejn dak li qalu fl-Istruttorja u dak li qalu waqt il-guri dwar il-movimenti ta’ l-appellant. Huwa veru wkoll li l-borza kienet matta izda kienet ukoll tal-plastik u ghalhekk kapaci tirrifletti ossia taqbad id-dawl. L-appellant jghid illi f’Dicembru t-temp kien imsahhab u mhux xemxi. Dan l-appellant qieghed jassumieh u ma gab l-ebda prova tieghu. Mir-ritratti li ttiehdu ta’ l-appellant certament ma jidhirx li kienet gurnata mudlama.

9. L-assenza ta’ impronti digitali fuq il-borza li kienet tikkontjeni l-pilloli ta’ l-ecstasy, in-nuqqas ta’ sejbien ta’ fibres li jikkorrispondu mad-dublett li nstab fil-mohba u ta’ tracci ta’ droga fil-karozza ta’ l-appellant huma provi negattivi li ma jeskludux awtomatikament il-provi l-ohra ga` msemmija.

10. L-appellant jghid illi l-Pulizija naqset milli tfittex u tarresta l-persuna li kienet mieghu fl-24 ta’ Dicembru 2000. Dak li ma qalx l-appellant hu li lill-Pulizija huwa kien cahad li kien fil-barriera fl-24 ta’ Dicembru 2000 u billi l-Pulizija li kienu qeghdin jaghmlu l-osservazzjoni ma kinux gharfu min kienet dik il-persuna, ma setghux jirrintraccjawha. Kien biss waqt il-guri li qal li dik il-persuna kienet wiehed Gharbi li kien ser imur jahdem mieghu u li ma kienx jaf x’jismu. Jekk verament l-appellant haseb li din il-persuna kienet “l-ahjar prova” dwar jekk nizilx mill-karozza tieghu b’borza, certament kien imissu rrintraccah sabiex jitla’ jixhed, imqar fl-istruttorja u kif appena gie mressaq il-Qorti.

11. Il-punti l-ohra msemmija mill-appellant – per ezempju, li l-appellant ma giex arrestat *in flagrante delicto*, li kien hemm perijodi twal meta ma kienx hemm osservazzjoni tal-barriera, li ma giex akkuzat bis-serq tas-

senter li nstab fil-barriera go vann abbandunat u dak kien jindika li l-barriera kien qed jintuza minn persuni ohra – ghandhom certu valur argumentattiv, izda ma jfissirx li b'daqshekk il-gurati ma setghux ragjonevolment jistriehu fuq ix-xiehda ta' P.C. 213 u ta' P.C. 536.

12. L-appellant jghid ukoll illi l-*lifestyle* tieghu, kif jirrizulta mir-rapport tal-perit legali l-Avukat Dott. Vincent Galea, mhux kompatibbli ma' dak kwotidjan ta' traffikant ta' droga. Jitressqu hafna persuni l-Qorti akkuzati bi traffikar ta' droga u jinstabu hatja ta' hekk allavolja ma jkunux qeghdin jghixu bhal "barunijiet".

13. Minn dan kollu huwa evidenti li s-sitwazzjoni fattwali kienet tali li l-gurati setghu ma jemmnux il-verzjoni li l-appellant ta waqt il-guri ghax hemm cirkostanzi u provi ohra li huma kapaci li jitwemmnu u li l-gurati kienu perfettament intitolati li jemmnu.

14. Ghalhekk is-sitwazzjoni ma kkristallizzatx ruhha b'mod illi fuq bazi ta' probabbilita` il-gurati kellhom ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li kien jissussisti d-dubju ragjonevoli fit-tezi tal-prosekuzzjoni.

L-appellant jilmenta wkoll mill-fatt illi l-gurati damu biss tliet sighat biex waslu ghall-verdett taghhom, u dan f'kaz relattivament kumpless b'dokumentazzjoni estensiva. Jghid li dan jindika li l-gurati jew l-anqas biss raw/analizzaw id-dokumentazzjoni kollha u l-anqas ghogobhom jikkalkolaw 60 metru billi jaghmlu 60 pass twil kif kien issuggerielhom l-Imhallef li ppresjeda l-guri, jew ma fehmux il-portata tal-grad tal-prova, jew inkella ifformaw pregudizzju kontra l-appellant naxxenti mill-fatt illi hawn si trattava ta' droga u l-appellant jigi hu Leli l-Bully, fatt dan ta' l-ahhar li l-istess Imhallef li ppresjeda l-guri nsista li kellu jibqa' mistur mill-gurati izda l-Assistent Avukat Generali xorta alluda ghaliha matul il-provi tad-difiza u gie mwissi mill-Imhallef sedenti izda *by that time the damage had been done*.

Dwar l-ilment ta' l-appellant illi l-gurati ma damux jiddeliberaw, jigi osservat l-ewwelnett illi l-artikolu 466 tal-

Kodici Kriminali jipprovdi illi **"[w]ara l-indirizz tal-qorti, il-guri ghandu jikkonsidra l-verdett tieghu"**, izda mbaghad s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 470 tal-Kodici Kriminali jipprovdi li **"l-guri jista', sabiex jikkonsidra l-verdett tieghu, jidhol fil-post iddestinat ghaldaqshekk"** (sottolinear ta' din il-Qorti). Skond il-ligi mela, jidher illi l-gurati l-anqas ma huma obbligati jirtiraw biex jiddeliberaw. Izda, una volta jirtiraw, il-ligi ma timponi l-ebda perijodu minimu jew massimu li fih ghandhom jaslu ghall-verdett taghhom. Indikazzjoni li d-deliberazzjoni m'ghandhiex ittul bla mehtieg jinsab fl-artikolu 472 tal-Kodici Kriminali li jipprovdi hekk: **"Wara li l-guri jidhol biex jiddelibera, u sakemm il-verdett tieghu jigi irregistrat, il-gurati ma jistghux jiehdu ikel jew xorb minghajr il-permess tal-qorti."**

F'**Blackstone's Criminal Practice 2004**[16], ghal liema test irrefera wkoll l-appellant, naqraw hekk:

**"A majority verdict may not be accepted unless the jury have been considering their verdict for such period as the court considers reasonable having regard to the nature and complexity of the case, being in any event a period of not less than two hours (Juries Act 1974, s. 17(4)). Any period during which the jury return to court to ask a question of or receive a communication from the judge should be included when computing the two hours (*Adams* [1969] 1 WLR 106). Time spent making their way to the jury room, settling themselves down in the room and electing a foreman is catered for by *Practice Direction (Criminal Proceedings: Consolidation)* [2002] 1 WLR 2870, para. 46, which states that, although s. 17(4) permits the receiving of a majority verdict after a bare two hours, the jury should in fact be allowed at least two hours and 10 minutes for deliberation before being told that they need not be unanimous.**

**"How long over the minimum of two hours and 10 minutes should elapse before the majority verdict**

[16] Para. D17.13, p. 1502 – 1503.

**procedure is set in motion is a matter for the trial judge's discretion. It will depend largely on the complexity of the case."**

Issa, il-kaz in ezami dam biss tlett ijiem: beda fl-14 ta' Novembru 2005 u gie konkluz fis-16 ta' Novembru 2005 bl-ghoti tas-sentenza. Il-gurati rtiraw biex jiddeliberaw fil-11.45 a.m. u l-guri rega' ssejjah fit-3.30 p.m., jigifieri l-hin li kien iddekorra kien ta' tliet sighat u tliet kwarti. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan kien zmien ragjonevolment twil bizzejjed biex gurati li kienu segwew b'attenzjoni l-proceduri kontra l-appellant setghu jaslu ghall-verdett taghhom. Certament ix-xiehda li kienu semghu kienet ghadha tidwi f'widnejhom u, ghar-rigward ta' l-istqarrija ta' l-appellant u r-relazzjonijiet, dawn kienu tqassmu lill-gurati matul is-smigh tal-provi u ghalhekk kellhom l-opportunita` jifluwhom qabel ma dahlu jiddeliberaw. B'hekk dan l-ilment qieghed jigi respint.

Kwantu ghall-ilment ta' l-appellant li l-gurati kienu pregudikati ghax hawn si trattava ta' droga, dan l-ilment huwa ghal kollox fieragh u ma hu sorrett minn ebda prova.

Kwantu mbaghad ghall-ilment li l-gurati kienu pregudikati kontra l-appellant peress illi jigi hu Leli l-Bully, hawn ukoll, din il-Qorti jidhrilha li kieku dan kien minnu, id-difiza kienet titlob li l-ewwel Qorti tikkonsidra tali kwistjoni proprju meta, skond l-appellant, il-prosekuzzjoni alludiet ghal dan il-fatt. Mill-atti ma jirrizulta li ntalab l-ebda provvediment. Ghall-kuntrarju, jirrizulta illi fl-istqarrija li l-appellant ghamel lill-Pulizija huwa gie mistoqsi x'laqam ghandu u wiegeb li jsibuh bhala "Ganni tal-Bully" u meta tela' jixhed id-difiza stess regghet qratlu siltiet mill-istqarrija fosthom dik il-mistoqsija dwar jekk ghandux laqam. Mela jekk id-difiza riedet tevita kull referenza ghal-laqam "tal-Bully", dan setghet taghmlu fi stadju iehor tal-proceduri. Barra minn hekk hu l-appellant ssemma' b'ismu "Leli" minn xhud prodott mid-difiza stess, John Debono, u dan ix-xhud semma' lil "Leli" l-ewwel darba <u>waqt l-ezami tieghu</u>. Ghalhekk anke dan l-ilment qieghed jigi respint.

B'hekk l-ewwel aggravju huwa michud ukoll.

L-ahhar aggravju ta' l-appellant jirrigwarda l-piena li huwa jqis eccessiva u sproporzjonata. Jghid illi kellu jittiehed kont tac-cirkostanzi tal-kaz kollha, inkluz dawk li jimmilitaw favur l-appellant. Josserva wkoll illi filwaqt li l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha qalet li l-valur tal-pilloli in kwistjoni fis-suq fiz-zmien tar-reat kien *"in eccess ta' sebat elef liri Maltin skond ma xehed l-espert tal-Qorti, l-Ispizjar Mario Mifsud"*, effettivament l-Ispizjar Mifsud qatt ma xehed li l-valur kien in eccess ta' Lm7,000 izda biss ikkonferma r-relazzjoni tieghu fejn jghid li *"l-prezz bl-imnut ta' pillola ta' l- ecstasy hija ta' circa Lm7.00 u ghalhekk 953 pilloli jiswew Lm6,671"*, differenza ta' 4.93%. Barra minn hekk jghid li l-ecstasy mhumiex *addictive* u l-prezz taghhom qieghed jinzel drastikament mal-medda taz-zmien minhabba l-mod kif qed jigu prodotti, kif xehed l-istess Spizjar Mario Mifsud.

Jibda biex jinghad illi c-cirkostanzi li jimmilitaw favur l-appellant gew kollha kkunsidrati mill-ewwel Qorti fil-kalibrar tal-piena. Dwar id-diskrepanza fil-valuri, din il-Qorti tqis l-ilment ta' l-appellant bhala wiehed fieragh – id-diskrepanza hija wahda minima. U jekk l-appellant qieghed jahseb li l-effetti ta' l-ecstasy fuq l-individwu mhumiex serji, il-verita` hija l-kuntrarju. Hemm diversi *short-term effects* maghrufin: *"increased heart rate and blood pressure, dehydration, overheating, teeth-grinding and jaw clenching. Short-term effects include psychological difficulties, including confusion, depression, sleep problems, drug craving, severe anxiety and paranoia – during and sometimes weeks after taking MDMA, physical symptoms such as muscle tension, nausea, blurred vision, rapid eye movement, faintness, and chills or sweating."*[17] Imbaghad, studji tan-*National Institute on Drug Abuse* ta' l-Amerka juru li l-ecstasy tikkawza hsara fil-mohh: *"A NIDA-supported study has provided the first direct evidence that chronic use of MDMA, popularly known as "ecstasy," causes brain damage in people. Using advanced brain imaging*

---

[17] http://www.gdcada.org/statistics/ecstasy.htm.

*techniques, the study found that MDMA harms neurons that release serotonin, a brain chemical thought to play an important role in regulating memory and other functions. In a related study, researchers found that heavy MDMA users have memory problems that persist for at least 2 weeks after they have stopped using the drug. Both studies suggest that the extent of damage is directly correlated with the amount of MDMA use."*[18]

Il-piena ghad-delitt li tieghu l-appellant nstab hati hija dik ta' prigunerija ghall-ghomor (kif mitlub mill-Avukat Generali) b'dan illi **"(aa) meta l-qorti tkun tal-fehma li, meta tqis l-eta` tal-hati, il-kondotta ta' qabel tal-hati, il-kwantita` tal-medicina u x-xorta u l-kwantita` tat-taghmir jew materjali, jekk ikun il-kaz, involuti fir-reat u c-cirkostanzi l-ohra kollha tar-reat, il-piena ta' prigunerija ghall-ghomor ma tkunx dik xierqa; jew (bb) meta l-verdett tal-guri ma jkunx unanimu"**, il-Qorti tista' tikkundanna lill-persuna misjuba hatja ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn erba' snin izda mhux izjed minn tletin sena u multa ta' mhux inqas minn 2,329.37 euro (Lm1,000) izda mhux izjed minn 116,468.67 euro (Lm50,000).[19] Il-piena nflitta mill-ewwel Qorti taqa' fil-parametri tal-ligi u tidher li hadet in konsiderazzjoni diversi mill-fatturi elenkati fl-artikolu 120A(2)(a)(i)(aa)(bb) tal-Kap. 31 tal-Ligijet ta' Malta.

Ghaldaqstant din il-Qorti, fid-dawl ta' dan kollu, ma tara l-ebda raguni biex tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata b'dan li l-perijodu ghall-hlas tal-multa jibda jiddekorri millum, u l-perijodu sabiex l-Avukat Generali jindika b'nota jekk id-droga esebita hija mehtiega in konnessjoni ma' proceduri kontra terzi ukoll jibda jiddekorri millum.

---

[18] NIDA Notes – Vol. 14, No. 4.
[19] Artikolu 120A(2)(a)(i)(aa)(bb) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------